# Tribunal Industrijali

Kaz Nru: 3743/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Simon Grima (K.I. nru. 166566(M))

u

Fork & Night
(C88093)

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

**Illum 29 ta' Lulju, 2019**

## Digriet

### Introduzzjoni

Fl-ewwel seduta tal-process, il-partijiet qablu li l-Kazijiet Nru 3743/JD u 3744/JD ghandhom jimxu flimkien u jkunu trattati identikament peress illi ghandhom l-istess kwistjonijiet, talbiet, u provi .

Fl-istess seduta s-Socjeta` Ntimata qajmet l-eccezzjoni li t-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni fuq dawn il-Kazijiet jekk it-Tribunal jistabbilixxi li l-impjieg tas-Sinjuri rikorrenti kien mitmum waqt iz-zmien ta' prova, u dan skond l-Artiklu 2 tal-Kap 452.

Is-Sinjuri rikorrenti sostnew illi, "… tant ir-relazzjoni kontrattwali u r-relazzjoni lavorattiva bejn min jaghti x-xoghol u l-impjegat kienet li kienet imfissra f'dan il-kuntratt illi perjodu ta' prova gie tacitament eskluz. … mhux ha nsibu kuntratt ta' mpjieg … ghax bejniethom il-partijiet ma ghamlux kuntratt ta' mpjieg. … dak il-perjodu ta' prova gie tacitament eskluz … tant illi dan kollu johrog mill-ftehim tat-12 ta' Ottubru …."[1]

B'risposta, s-Socjeta` Ntimata rreferiet ghall-Artiklu 36 tal-Kap 452 li jghid illi fil-kaz tas-Sinjuri rikorrenti z-zmien ta' prova kien ta' sena peress illi kienu mpjegati f'kariga manigerjali u l-

[1] Pagni 4, u 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2019

kuntratt ta' servizz ma jispecifikax mod iehor. Imkien ma kien specifikat illi z-zmien ta' prova kellu jkun ta' anqas minn sena. Barra minn hekk, il-Kaz odjern ma jistax ikun definit bhala kaz ta' tkeccija mill-impjieg li tista' tkun iggudikata mit-Tribunal, u dan skond id-definizzjoni ta' "tkeccija" skond l-Artiklu 2 tal-Kap 452 peress illi t-temm tal-impjieg tas-Sinjuri rikorrenti sehh waqt iz-zmien ta' prova.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

L-Atti jinkludu d-*Declaration of Commencement of Employment* (Dok. FN1, u Dok. FNL1) u d-*Declaration of Termination of Employment* (Dok FN2, u Dok. FNL2). Ghalkemm it-*Termination of Employment Forms* mhumiex iffirmati mis-Sinjuri Rikorrenti, fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghhom stqarrew illi l-impjieg taghhom kien itterminat fl-istess jum illi d-data tieghu tidher fuq it- *Termination of Employment Forms*, u ghalhekk hemm qbil bejn il-partijiet fuq id-data tat-tmiem tal-impjieg.

Ghalkemm fis-sottomissjonijiet tieghu r-rapprezentant tas-Sinjuri rikorrenti stqarr illi, "… bejniethom il-partijiet ma ghamlux kuntratt ta' mpjieg[2]." u s-Socjeta` Ntimata ma cahditx dan, il-fatt illi ntlew l-*Employment Forms* tal-*Jobsplus* tissodisfa lit-Tribunal illi ezista kuntratt ta' mpjieg bejn is-Socjeta` Ntimata u s-Sinjuri rikorrenti. Fuq kollox dokument SG2 jiddikjara li r-Rikorrent kien, "in the employment of the Company". U terga', fir-Rikors/Dikjarazzjoni tal-Kaz rregistrat fil-Qorti nhar l-1 ta' April 2019, ir-Rikorrent iddikjara li huwa, "… gie mpjegat mill-kumpanija ntimata … minn Ottubru 2018," u li, "Tul dan l-impjieg, l-esponenti dejjem ezegwa l-obbligi mposti fuqu mill-impjieg tieghu …". L-Artiklu 2 tal-Kap 452 jiddefinixxi li, "… kull meta l-principal jezercita direzzjoni, kontroll u ghazla effettiva fuq in-natura tax-xoghol … li … jsiru minn persuna ghal principal, dik-ir-relazzjoni ghandha titqies bhala wahda ta' kuntratt ta' servizz …". It-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju li r-Rikorrent kien f'kuntratt ta' mpjieg mas-Socjeta` Ntimata.

Jirrizulta wkoll mid-Dikjarazzjonijiet tal-Kaz kemm tas-Socjeta` Ntimata kif ukoll tas-Sinjuri rikorrenti li l-impjieg intemm xahrejn wara d-data tal-assunzjoni tas-Sinjuri rikorrenti fl-impjieg tas-Socjeta` Ntimata u ghalhekk tali terminazzjoni saret waqt iz-zmien ta' prova, peress illi Artiklu 36 tal-Kap 452 ighid illi, "l-ewwel sitt xhur ta' kull impjieg taht kuntratt ta' servizz ikun impjieg bi prova, sakemm zmien iqsar ta' impjieg bi prova ma jigix miftiehem bejn iz-zewg partijiet".

Is-Sinjuri rikorrenti jsostnu li z-zmien ta' prova kien tacitament eskluz. Huwa minnu li l-Kap 452, f'Artiklu 2, jikkontempla kuntratt ta' servizz bhala ftehim li jista' jsir bil-fomm jew bil-miktub. Izda fi Kwistjoni tax-Xoghol li tingieb quddiem it-Tribunal, il-gudizzju li jsir mit-Tribunal irid ikun ibbazat fuq il-provi. Ma jistax rikorrent jistenna li jidhol ghal kuntratt ta' mpjieg bil-fomm u t-Tribunal itih ragun fin-nuqqas ta' provi. It-Tribunal ma jistax jaccetta bhala fatt kundizzjonijiet tax-xoghol li jkunu maqbula tacitament sakemm ma jkunx hemm

[2] Pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2019

qbil bejn il-partijiet quddiem it-Tribunal rigward tali kundizzjonijiet – qbil illi fil-Kazi odjerni ma jezistix.

Ghalhekk it-Tribunal ma jistax ikun konvint illi z-zmien ta' prova fl-impjieg tas-Sinjuri rikorrenti kien eskluz. U kwindi t-terminazzjoni tal-imjieg tas-Sinjuri rikorrenti saret waqt iz-zmien ta' prova u ghaldaqstant skond l-Artiklu 2 tal-Kap 452 ma tezistix tkeccija ngusta fil-Kazi odjerni u ghalhekkskond l-Artiklu 75 tal-Kap 452 it-Tribunal ma ghandux il-gurisdizzjoni li jikkunsidra u jiddeciedi dawn il-Kazi odjerni.

**Konkluzjoni**

Ghar-ragunijiet imsemmija fil-kunsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-Socjeta` Ntimata u jikkonferma li skond il-Kap 452 ma ghandux gurisdizzjoni fuq kuntratti ta' mpjieg li jkunu tterminati waqt zmien ta' prova u ghalhekk ma jistax jissokta bis-smigh ta' dal-Kaz; ghaldaqstant jordna li daz-zewg Kazi odjerni jigu kkancellati minn fuq il-lista u li, ghall-finijiet tal-Artiklu 741 (b) tal-Kap 12 , l-atti tal-proceduri tal-Kazi Nri 3743/JD, u 3744/JD jigu trasferiti lill-Qorti Civili Prim'Awla sabiex tkun din l-Onorabbli Qorti li tiehu konjizzjoni tal-Kazi.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed, ghal kull Kaz.

**(iffirmat)**

Joseph Delia
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju